PLURIBUS PARENS

Minuti tal-ħamsa u għoxrin laqgħa tas-seba' Kunsill Lokali l-Gudja li ġiet imsejħa fl-uffiċċju amministrattiv temporanju tal-Kunsill Lokali Il-Gudja ġewwa l-Librerija Ġużeppi Zammit nhar il-Ħamis 24 ta' April 2014 fis-5.45pm.

| | | |
|---|---|---|
| Preżenti:- | Sindku | John Mary Calleja |
| | Viċi Sindku | Romeo Baldacchino |
| | Kunsillieri: | Mark Anthony Sammut, Demelsa Grech u Stefan Caruana |
| | Ambaxxatriċi: | Melanie Bugeja |
| | Segretarju Eżekuttiv: | Joseph M. Formosa |

**Aġenda:-**

1. Approvazzjoni ta' minuti:-
   a. Minuti 24/7 – 20 ta' Marzu 2014

2. Kommunikazzjonijiet:-
   a. Sindku
   b. Kommunikazzjonijiet dwar xogħol tad-dekasteri:
      i. Viċi-Sindku
      ii. Kunsillieri
   c. Korrispondenza

3. Rapporti:-
   a. Ilmenti

4. Aġġudikazzjoni ta' tenders mill-Bord

5. Xogħlijiet u Progress:-
   a. Toroq oħra:- Triq Hal Safi u Triq Birżebbuġa.
   b. Sqaqien qalb l-għelieqi – skema finanzjament – Post ta' rikreazzjoni

6. UIF - Ġnien Raymond Caruana – Progress u Kontijiet

7. Financial Statements skont kif emendati - 2013

8. Finanzi:-
   a. Petty Cash;
   b. Skeda ta' Pagamenti;
   c. Talbiet għal xiri u xogħlijiet

9. Għeluq tal-laqgħa u aġġornament

***Ftuħ tal-laqgħa***

Il-laqgħa bdiet fis-5.55pm wara talba qasira minn dawk kollha preżenti.

Il-Viċi Sindku talab u l-Kunsill qabel sabiex jindirizza l-laqgħa tal-Kunsill kif ġej:-

Il-Viċi Sindku s-Sur Baldacchino qal li ma kienx fi ħsiebu japprova l-minuti tal-erbgħa u għoxrin laqgħa li saret nhar il-Ħamis 20 ta' Marzu 2014 għaliex li filwaqt f'dawn il-minuti jidher li ġie skużat huwa (is-Sur Baldacchino) ma attendiex għal din il-laqħa għaliex ir-rapport tal-Perit tal-Kunsill dwar ħsarat u l-istat tal-bini tal-Kunsill kien għadu ma wasalx u għalhekk ma kienx floku li l-laqgħa ssir f'bini li kien għadu ma ġiex iċċertifikat li mhux perikoluż. Għal dawn ir-raġunijiet huwa jħoss li għandu jiġi mniżżel li f'din il-laqgħa tat-20 ta' Marzu 2014 għandu jiġi

indikat bħala assenti b'mod ġustifikat, bħala assenti u mhux skużat peress li n-nuqqas tal-attendenza tiegħu f'din il-laqgħa kienet motivata u ġusta kif intqal aktar ' il quddiem.

**1.0 Approvazzjoni ta' minuti:-**

**a. Minuti 24/7 – 20 ta' Marzu 2014**

1.1 Dawn il-minuti li ġew ċirkulati għand is-Sindku, l-Viċi Sindku u l-Kunsilliera kollha qabel il-laqgħa, ġew meħuda bħal moqrija.

Ma kienx hemm korrezzjoni għajr il-kjarifika tal-Viċi-Sindku R. Baldacchino. Il-minuti ġew approvati kemm mis-Sindku u l-Kunsillieri kollha preżenti ħlief mill-Viċi-Sindku li qal li ma kienx japprova dawn il-mintui għar-raġuni li semma' aktar 'il quddiem.

**2.0 Kommunikazzjonijiet**

2.1 Sindku

2.1.1 Laqgħa mar-Reġjun ta' Nofsinhar. Is-Sindku qal li attenda għal-laqgħa tar-Regjun Nofsinhar li ssir kull xahar.

2.1.2 Wegħda ta' €1000 għal xiri ta' kotba edukattivi. Is-Sindku qal li waqt l-istess laqgħa tar-Reġjun il-Presient tar-Reġjun għamel wegħda ta' €1000.00 lill-Kunsill Lokali l-Gudja sabiex dawn jintefqu f'kotba.

2.1.3 Attendenza Festa Rebbiegħa li saret fis-26 t'April 2014. Is-Sindku qal li kien attenda għal din l-attività li kienet orgarnizzata sewwa u li veru tgħin sabiex il-Gudja tkun tista' tiġbed lejha turisti kemm barranin kif ukoll turiżmu intern għaliex dan jgħin ħafna l-iżvilupp tal-Gudja u l-istorja u l-kultura tal-Gudja tkun tista' titgawda b'mod l-aktar mifrux.

Is-Sindku rringrazzja lill-kunsillier is-Sur Caruana għall-ħidma tiegħu f'isem ilKunsill kif ukoll irringrazzja kemm lill-parteċipanti kif ukoll lil dawk kollha li ħadmu sabiex din l-attività tittella u tkun suċċess.

2.1.4 Persuni li jagħtu ħidma u għajnuna fil-kommunità. Is-Sindku qal li kellu laqgħa mad-Direttur tal-Faċilità Korrettiva ta' Kordin u l-Kunsill ġie offrut li żewġ inmates li jkunu waslu sabiex jiskontaw is-sentenza jkunu jistgħu jagħmlu xogħol fil-Gudja u dan filwaqt li jgħinu fl-integrazzjoni tagħhom fil-Kommunità jkunu wkoll qed jagħmlu xogħol siewi fl-istess Kommunità. Il-Kunsill ma jagħmilx ħlas iżda huwa mistenni li joffri trasport, snack u ilma.

Il-Kunsill mhux responsabbli għall-imġieba ta' dawn l-inamates meta jkunu qed jaħdmu fil-Gudja iżda jekk xi ħadd jara xi għajn ħażina din għandha tiġi għall-attenzjoni tad-Direttur u tittieħed azzjoni immedjata kif ikun meħtieġ.

Il-Kunsill qabel ma' dak li qal is-Sindku u enfasizza illi l-Kunsill qatt m'għandu jinżamm responsabbli għal xi mġieba ħażina ta' dawn l-inmates meta jkunu jagħmlu servizz fil-kommunità ġewwa l-Gudja iżda l-Kunsill jaqbel ukoll illi dawn l-inmates għandhom jiġu ttrattati bl-aktar rispsett u dinjità.

2.1.5 Preparazzjoni dwar il-program ta' Jum il-Gudja 15 ta' Lulju 2014. Is-Sindku qal li l-attivitajiet għal Jum il-Gudja għandhom jiġu limitati għal Ħarġa għal Kulħadd u attività/serata ewlenija fit-tmiem quddiesa fil-15 ta' Lulju 2014 li din id-darba għandha issir ġewwa l-Pjazza tal-Gudja u dan bil-għan li l-ħwienet u l-każini tal-baned ikunu jistgħu jibbenefikaw min-negozju li jista' jiġi ġenerat waqt din l-okkażjoni.

Saret diskussjoni.

Sar qbil li l-kollaborazzjoni mal-Parroċċa dwar il-Lejla Sajfija u Jum il-Gudja għandu jkompli bħal fis-snin li għaddew ħlief li fil-15 ta' Lulju 2014 l-attività jssir ġewwa l-Pjazza tal-Gudja u li din il-kollaborazzjoni tkun ukoll parti mill-attivitajiet ta' Jum il-Gudja 2014.

Il-Kunsillier is-Sur Sammut qal li l-kollaborazzjoni mal-Parroċċa f'din l-attività issarraf bħala għajnuna għall-Parroċċa kif ukoll tnissel sens ta' għaqda fil-kommunità u dan fl-interess ta' kulħadd.

Il-Kunsillier is-Sur Caruana esprima l-opinjoni illi huwa sewwa li l-Kunsill joħloq opportunitajiet sabiex l-każini jkunu jistgħu jipparteċipaw u jagħmlu xi forma ta' qliegħ iżda dawn il-każini għandhom jipparteċipaw kull meta tiġi l-okkażjoni u bil-ħeġġa kollha sabiex anke l-Kunsill ikollu inkoraġġiment li jkompli jkattar l-kollaborazzjoni ma' kull min ikun jixtieq jaħdem mal-Kunsill b'risq il-kommunità kollha tal-Gudja u l-Gudjani.

Il-Kunsill qabel li jkun hemm laqgħa bejn l-Arċipriet u s-Sindku sabiex jiġi spejgat dak li sejjer jinbidel għal Jum il-Gudja 2014 u l-kollaborazzjoni mal-Parroċċa u dwar iċ-ċaqliq u l-loġistika meħtieġa sabiex il-Palk jintrema fil-Pjazza tal-Gudja għal Jum il-Gudja 2014.

2.1.6 Servizz ta' wardens fl-attività Festa Rebbiegħa 26 t'April 2014. Is-Sindku qal li żewġ wardens għandhom jiġu assenjati sabiex ikunu fuq il-post bejn l-4.00pm u l-10.00pm. Dawn iż-żewġ wardens serjin jitħalsu mir-Reġjun.

2.1.7 Il-kundizzjoni tal-uffiċċju amministrattiv tal-Kunsill (sular ta' fuq) 88, Triq Raymond Caruana, il-Gudja. Is-Sindku qal li r-rapporti tal-Perit Audrey Ann Bonnici jagħmluha ċara illi ma hemmx perikolu iżda hemm ħtieġa ta' manutenzjoni u sakemm dan issir ix-xogħol tal-kunsill sejjer ikompli jsir b'mod temporanju fil-bini tal-librerija u partijiet ta' wara, fl-iskola Primarja tal-Gudja u dan mingħajr ma jfixkel il-ħidma tal-istess skola.

Is-Sindku semma' li hemm xogħol meħtieġ fuq il-bejt u l-opramorta sabiex ma jkomplix jidħol ilma li jagħmel ħsara lill-bejt u t-travi.

Xogħol ieħor fuq ġewwa sabiex it-travi jiġu kkurati kif meħtieġ għalkemm it-travi jidher li jinsabu fi stat tajjeb. Is-Sindku qal li jidher ċar li t-tajn ta' madwar it-travi faqqa' sewwa u għalhekk għandu jinqala' u floku issir tajn jew materjal ieħor ħafif iżda li jservi anke jekk ikun hemm bżonn li jkun ta' sapport lill-istess travi.

Xogħol ieħor huwa fuq il-faċċata sabiex jimtlew sewwa l-fili u xi xogħol ieħor meħtieġ dwar manutenzjoni.

Is-Sindku qal li dawn ix-xogħlijiet għandhom isiru fi ftit żmien kif appena jinsab kuntrattur tajjeb għal dan ix-xogħol.

Il-Viċi Sindku s-Sur Baldacchino stqarr li l-Kunsill għandu jimxi fuq ir-rapport u r-rakkomandazzjoni tal-Perit tal-Kunsill għaliex hija l-istess Perit li tkun responsabbli sabiex ikun assigurat li x-xogħol meħtieġ issir u jiġi ċertfikat mill-istess perit li tkun ukoll responsabbli li xogħolijiet ikunu saru fl-aħjar mod possibi li joffri sigurtà massima għal kull min jagħmel użu mill-istess post.

Il-Kunsilliera Demelsa Grech insistiet illi sakemm dawn ix-xogħlijiet ta' manutenzjoni u tiswijiet meħtieġa l-Kunsill għandu jibqa' jopera mingħajr tfixkil mill-bini tal-Librerija u l-inħawi tal-madwar fil-kuritur ta' wara għax dan mhux qed ifixkel il-ħidma tal-iskola.

Saret diskussjoni fejn deher ċar li r-rappor tal-perit dwar il-qagħda preżenti u dwar dak li għandu jsir huwa ferm importanti għaliex b'hekk il-perit tassigura li sar dak meħtieġ u tibqa' wkoll responsabbli dwar dan b'mod professjonali u kull min jagħmel użu mill-post ikollu serħan tal-moħħ li ma hemm ebda perikolu anzi jkun sigurtà massima.

Il-Kunsill qabel ukoll illi peress li ma hemm ebda ħsara fis-sular t'isfel (gound floor) is-servizz tas-Social Services għandu jibqa' jingħata mill-istess uffiċċju mingħajr ebda bidla.

2.1.8 Rapport ta' ħidma mill-Kunsillieri lokali tal-PN li ġie ppreżentat fil-laqgħa ġenerali annwali tal-Kumitat Sezzjonali PN l-Gudja. Is-Sindku qal li japprezza li l-kunsilleri jaħdmu u juru l-ħidma tagħhom fi ħdan il-Kunsill, wieħed għandu joqgħod attent li ma jkunx partiġjanat u jdaħħal xi dubju li jista' jfixkel il-ħidma tal-Kunsill. Is-Sindku semma li f'dan ir-rapport deher li sar magħruf li fil-festa ta' Santa Marija ta' din is-sena, mhux kulħadd ħallas għal permessi biex jinħarġu l-imwejjed barra, kif inhu mitlub mil-liġi.

Il-parti kkwotata hija din:-

'…….. il-każin tal-Partit Laburista, minkejja li kien l-aktar każin li ħareġ l-imwejjed, ma ħallasx għal ebda permess ……… Il-Kunsilliera ……..'

Is-Sindku qal li mhux sewwa li l-Kunsill jiġi implikat bla bżonn f'xi konflitt u li l-Kumitat tal-Każin ma kellu x'jaqsam xejn dwar it-talba għall-permess. Huwa l-barman li normalment jitlob il-permess. Ġara wkoll illi din is-sena il-barman ma kienx konxju dwar il-ħtieġa ta' permess u filwaqt li ma ħallasx għal permess tal-festa ta' Santa Marija, kien pront ħallas għal dan il-permess meta ġie mitlub u dan kif jidher fl-istess rapport tal-Kunsillieri PN.

Is-Sur Caruana wieġeb illi r-rapport kien oġġettiv u ma kienx hemm ebda kumment kontra l-Kunsill. Ir-rapport jagħti rendikont xieraq u ġust tal-ħidma tal-Kunsillieri fil-Kunsill.

Dwar l-issue tal-permess li joħorġu l-imwejjed u jekk hemm xi misunderstanding din tista' tiġi rranġata u jisemma biss l-barman għaliex mhux il-ħsieb tal-Kunsillieri li jkollhom xi konflitt jew li jgħidu affarijiet li jiġu miftehma ħażin.

Is-Sindku qal, li dwar il-Proġett ta' Triq il-Kbira li bla dubju ħa ħafna żmien aktar minn dak previst, il-Kunsillieri kollha huma konxji li kemm huwa (Sindku) kif ukoll bħala Kunsill ħadmu bla heda sabiex ix-xogħol issir fl-aqsar żmien minkejja l-ostakoli li ġew iffaċjata waqt ix-xogħol ta' dan il-proġett.

Dwar il-one way fil-parti d-dejqa ta' Triq il-Kbira s-Sindku fakkar dwar li din kienet talba waqt il-laqgħa tal-Lokalità u filwaqt li l-Kunsill jirrispetta l-ħidma ta' kulħadd ma kien hemm bżonn ebda intervent jew mozzjoni sabiex il-Kunsill josserva l-istipulazzjoni u l-ordni tat-TM dwar dan il-permess.

Is-Sindku qal li l-Kunsill jinsab jaħdem sabiex tinsab soluzzjoni dejjiema sabiex jiġi evitat il-periklu (kemm għar-residenti kif ukoll għal kull pedestrian jew sewwieqa) għal min jgħaddi minn din il-parti d-dejqa fi Triq il-Kbira.

Dwar dan il-Kunsill qed jitlob laqgħat mad-diriġenti tat-TM sabiex ikun aktar sigurtà fit-toroq ġewwa l-Gudja u fl-inħawi ta' madwar.

2.1.9 Ġurnata Sqallija – 07 ta' Ġunju 2014. Is-Sindku ta' detall dwar din il-ħarġa:-

Tluq fit-03.30a.m. fejn l-ex venda tal-Gudja. Tluq bil-katamaran fil-05.00a.m. u naslu Pozzallo fis-06.30a.m. Coach il-ġurnata kollha magħna. Immorru s-suq ta'

Catania, wara għandna eskursjoni lejn ix-Xmara ta' Gole d'Alcantara (hemm ħlas extra ta' €6.00 għal-lift). Wara se mmorru Porte di Catania (Auchan). Wara naqbdu t-triq lura lejn Pozzallo sabiex b'hekk naqbdu l-katamaran. Naslu Malta fil-11.15p.m.

Prezzijiet: Adulti €121.00
Tfal taħt l-14 -il sena €39.00
Tfal taħt l-4 snin b'XEJN

Taxxi, tour leader b'esperjenza u t-transport, inklużi fil-prezz.

Il-Kunsill qabel illi jipprovdi t-trasport bla ħlas mill-Gudja (venda) sal-Port Virtu Ferries Terminal il-Marsa u lura għall-Gudja.

2.1.10 Żabra u ċaqliq ta' siġar tal-ħarrub fit-tarf ta' Triq Mons. Pawlu Mallia, il-Gudja. Is-Sindku qal li l-Kunsill assista lit-TM dwar dan bl-iskop li l-proġett ikun aktar raffinat u li s-siġra titħawwel f'post ieħor bla ħsara jew periklu li tinqered.

***Talba għall-sospenzjoni tal-Aġenda***

F'dan l-istadju s-Sindku talab u l-Viċi-Sindku u l-Kunsillieri l-oħra kollha qablu li jkun hemm sospenzjoni tal-Agenda sabiex il-Kunsill jitratta tema 4 fuq l-Aġenda – Aġġudikazzjoni ta' tenders mill-Bord.

## 4.0 Aġġudikazzjoni ta' tenders mill-Bord

4.1 Il-Kunsill trasforma ruħu f'Bord ta' Aġġudikazzjoni u fi ħdan il-Bord ingħaqad is-Sur Pierre Mizzi kif kien diġa approvat f'laqgħa preċedenti tal-Kunsill.

4.2 Tender 08/13 – Provision of Open Skips. Il-Bord ħa konjugazzjoni u ra l-offerti ta' dawn il-kuntratturi:-

a. Nazzareno Camilleri
b. Brian Borg
c. JM Skip Hire

Saret diskussjoni dwar kull offerta u l-Kunsill/Bord tal-Aġġudikazzjoni iddeċieda li jagħżel l-offerta ta' Nazzareno Camilleri peress li fil-fehma tal-Kunsill/Bord l-aħjar offerta fuq bażi ġenerali hija dik ta' Nazzareno Camilleri.

4.3 Tender 07/13 – Cleaning and Clearing of non-urban roads. Il-Bord/Kunsill ħa konjuzzjoni u ra l-offerti ta' dawn il-kuntratturi

a. Mario Borg
b. WM Environmental Ltd

Saret diskussjoni dwar kull offerta u l-Bord iddeċieda li jagħżel l-offerta ' WM Environmental Ltd peress li fil-fehma tal-Kunsill/Bord l-aħjar offerta fuq bażi ġenerali hija dik ta' WM Environmental Ltd.

Wara l-aġġudikazzjoni s-Sur Pierre Mizzi li waqt l-aġġudikazzjoni kien qed jirrappreżenta l-interess pubbliku talab li jħalli l-laqgħa.

Il-Kunsill filwaqt li rringrazzja lis-Sur Mizzi għal ħidma u l-koperazzjoni tiegħu mal-Kunsill qabel lis-Sur Mizzi iħalli l-laqgħa.

***Kompliet il-laqgħa***

4.4 Is-Sindku ġibed l-attenzjoni li dan ix-xogħol tan-non urban il-kuntrattur għandu jiġi mqabbad kif u meta l-Kunsill ma jkollux ħaddiema sabiex jagħmlu x-xogħol kif meħtieġ.

Il-Viċi-Sindku oġġezzjona u wieġeb li fil-preżent qed jinqata' xi ħaxix iżda dan qed jitħalla jiġri mal-art u li meta l-Kunsill kellu kuntrattur qatt ma tħalla ħaxix jiġri mal-art jew ħaxix jikber mingħajr ma jiġi maqtugħ fi żmien propizzju.

Is-Sindku wieġeb li peress li dan l-aħħar ma kellux van għad-dispożizzjoni tiegħu seta' ġara li xi ħaxix baqa' fil-boroż fl-art.

Saret diskussjoni fejn is-Sindku insista li qed jiffranka l-flus u x-xogħol qed isir xorta minkejja li ma għandniex kuntrattur u għalhekk ikompli jinsisti li l-kuntrattur għalkemm magħżul għandu jiġi mqabbad biss meta l-Kunsill ma jkollux ħaddiema miegħu dwar dan ix-xogħol.

Il-Viċi-Sindku għamel il-punt tiegħu u insista li l-kuntrattur dwar dan ix-xogħol għandu jiġi mqabbad b'mod immedjat (wara li jitlestew il-proċeduri) u mhux kif qal is-Sindku.

Il-Viċi-Sindku talab vot sabiex il-Kunsill jiddeċiedi li l-kuntrattur magħżul mill-Kunsill jiġi mqabbad b'mod immedjat (wara li jsiru l-proċeduri stabbiliti) u mhux kif kien qed jipproponi s-Sindku.

Il-Kunsilliera Ms. Grech issekondat din il-mozzjoni tal-Viċi Sindku s-Sur Baldacchino.

Ittieħed vot:-

| | | |
|---|---|---|
| Favur: | 5 | John-Mary Calleja<br>Romeo Baldacchino<br>Mark Anthony Sammut<br>Demelsa Grech<br>Stefan Caruana |
| Kontra: | 0 | |
| Asstenzjoni: | 0 | |

4.5 Għalhekk il-Kunsill iddeċieda li l-kuntrattur tan-non urban jiġi mqabbad b'mod immedjat u dan wara li jiġu osservati l-proċeduri stabbiliti.

Il-Kuntrattur għandu kull l-aħħar tax-xahar jagħti lista bil-miktub lis-Segretarju Eżekuttiv tal-Kunsill li tiġi mresqa quddiem il-quddiem dwar ix-xogħol li jkun għamel fix-xahar preċedenti.

Fin-nuqqas li jagħti din il-lista tax-xogħlijiet li għandha tiġi vverifikata mill-Kunsill, il-Kunsill ma joħroġx il-pagament kif miftiehem.

***Lura għall-Aġenda***

Is-Sindku ppropona u l-Kunsill qabel li l-laqgħa tkompli fuq l-Aġenda.

2.2.0 Kommunikazzjonijiet dwar xogħol tad-dekasteri

2.2.1 Viċi-Sindku

a. Rapport li deher fl-Orizzont tas-Sibt 19 t'April 2014 bit-titolu – 28 playgrounds rakkomandati biex jingħalqu. Il-Viċi Sindku qal li f'dan ir-rapport intqal li tnejn fil-Gudja Ġnien Raymond Caruana u Playing field ħdejn il-grawnd tal-futbol.

Is-Sur Baldacchino qal li l-Kunsill għandu jirrispondi dan l-artiklu fis-sens illi juri lix-xogħol fuq Ġnien R. Caruana sar sewwa u reġa' nfetaħ filwaqt li l-playing field ħdejn il-grawnd tal-futbol il-Kunsill neħħa l-periklu u qed jagħmel dak kollu possibli sabiex jikseb l-għajnuna sabiex ikun hemm riġenerazzjoni ta' dawn l-inħawi u li jkun hemm playing field bl-attrezzaturi xierqa.

b. Ħajt tas-sejjiegħ li nqala' minn għalqa fi Triq il-Lewż, il-Gudja. Il-Viċi Sindku qal li kienu waslu għandu immaġini ta' inġenji li kienu qed jaqilgħu ħajt tas-sejjiegħ minn għalqa li wara rriżulta li dan il-ġebel kien qed jintuża sabiex jinbena ħajt fi Vjal it-Torri, il-Gudja. Is-Sur Baldacchino qal li l-Kunsill għandu jieħu passi sabiex jiġi mħares l-ambjent.

Is-Sindku wieġeb li peress li dan ix-xogħol kien qed issir fuq proprjetà privata u peress li jidher li l-pulizija kienu diġa ġew magħarfa dwar dan, il-Kunsill mhux f'qagħda ħlief li jitlob l-għajnuna tal-MEPA sabiex tagħmel dak kollu possibli sabiex tħares l-ambjent u li ma ssirx ħsara u sfreġju tal-istess ambjent ġewwa l-Gudja.

Il-Kunsill qabel li għandha tinkiseb informazzjoni dwar jekk u meta jista' jinqala ħajt tas-sejjiegħ (anke minn għalqa privata) u anke meta jidher li dan l-istess ħajt qed jitpoġġa fi triq ġdida li tinsab mhux 'il bogħod minn fejn qed jinqala l-istess ħajt.

2.2.2 Kunsillieri

a. Mark Anthony Sammut

i. Is-Sur Sammut qal li se jitkellem fil-laqgħa li jmiss tal-Kunsill peress li xtaq jgħati preċedent lil Kunsilliera l-oħra.

b. Demelsa Grech

i. Jum il-Qari 16 ta' Mejju 2014. Ms. Grech infurmat lill-Kunsill dwar dawn l-attivitajiet fi Ġnien R. Caruana:

Story telling għat-tfal
Qari ta' silta għall-adulti
Book signing minn Trevor Zahra

Ms. Grech qalet li dan il-program u għoti tal-kotba ġew iffinanzjati mill-għotja ta' €1000.00 mir-Reġjun ta' Nofsinhar kif diġa semma s-Sindku aktar 'il quddiem f'dawn l-istess minuti.

Il-Kunsill qabel li jagħti s-sapport u finanzjament ta' dan il-program kif ikun meħtieġ.

Is-Sindku qal illi għal dan il-program ġie mistieden il-President tar-Reġjun is-Sur Jesmond Aquilina u filwaqt li xtaq kull suċċess stieden lill Kunsillieri kollha sabiex jattendu u jħeġġu kemm jista' jkun ir-residenti kollha li jattendu u jieħdu sehem pożittiv fil-ħidma u attivitajiet tal-Kunsill.

c. Stefan Caruana

i. Festa Rebbiegħa – 26 ta' April 2014. Is-Sur Caruana qal li sfortunatament kien hemm xi dewmien sabiex ħarġu l-avviżi peress li fil-poster kien għadu ma kienx ċar dwar id-dekasteri wara r-reshuffle tad-dekasteri mill-Prim Ministru iżda l-ħidma dwar din l-attività kienet intensa.

Is-Sur Baldacchino qal li ma setgħax jattendi minħabba impenji oħra personali.

Is-Sur Caruana irringrazzja lis-Sindku u l-Viċi Sindku għal koperazzjoni u dwar li l-ħin tal-ftuħ tal-latrini pubbliċi li ġie estiż sabiex ilaħħaq mal-ħtieġa tal-pubbliku waqt din l-attività.

ii. Pjanta tal-Gudja turistika bil-pockets tal-plastik u ittra relattiva. Is-Sur Caruana qal li dawn il-covers ġew jiswew €460.00 u li dawn il-covers veru jagħtu dehra professjonali li għandhom jiġu approvati sewwa mir-residenti kollha.

Il-Kunsill approva l-finanzjament ta' €460.00 dwar dawn il-plastik pockets. Il-Kunsill qabel ukoll li s-Sur Caruana jkompli jqassam dawn il-pjanti fil-plastik pockets bl-ittra magħha, kif iffirmata mis-Segretarju Eżekuttiv f'isem il-Kunsill Lokali l-Gudja.

iii. Żewġ plakek li juru postijiet ta' importanza storika u kulturali ġewwa l-Gudja.

a. Ħdejn il-Knisja tal-Annunzjata.
b. Ħdejn il-bini tal-Kunsill 88 Triq R. Caruana, il-Gudja

Is-Sur Caruana qal li fil-program ta' "L-Erba' Staguni" sejrin jitwaħħlu dawn il-plakek sabiex jirrekixxu l-lokal kif ukoll jattiraw aktar nies sabiex jiġu jżuru l-Gudja u jsiru jafu aktar dwar il-Wirt Kulturali u storiku tal-Gudja.

Il-Kunsill qabel ma' dak li qal is-Sur Caruana u qabel ukoll li jagħmel il-finanzjament meħtieġ ta' dawn il-plakek.

***Sospenzjoni tal-Aġenda***

Is-Sindku talab u l-Kunsill qabel sabiex terġa tiġi sospiża l-Aġenda u jiġi diskuss tema 7 fuq l-Aġenda

## 8.0 <u>Financial Statements (skont kif amendati) għas-sena li għalqet fil-31 ta' Diċembru 2013</u>

8.1 Il-Kunsill ħa konjuzjoni li dawn il-Financial Statements u wara li ġew imwieġba diversi mistoqsijiet li tqajmu mill-Kunsillieri preżent, il-Kunsill qabel b'mod unanimu li japprova dawn il-Financial Statements u qabel ukoll li jiġu ffirmati mis-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv u jipproċedu skont il-proċeduri stabbiliti.

**<u>Aġġornament</u>**

Meta ssejjaħ l-aġġornament ġie diskuss jekk il-laqgħa setgħetx tkompli minkejja li s-Sindku ma setax ikompli jippresjedi l-laqgħa.

Il-Kunsill qabel li għandu jinkiseb il-parir tad-Direttur tal-Gvern Lokali dwar jekk il-Viċi Sindku jistax ikompli l-laqgħa kull meta s-Sindku ma jkunx jista jkompli jippresjedi l-laqgħa minħabba xi impenji oħra.

Il-Kunsill qabel ukoll illi dawk il-kunsillieri li jkunu jridu jagħmlu l-kommunikazzjoni tagħhom jew ikomplu bil-kommunikazzjoni jistgħu jagħmlu dan fil-laqgħa li jmiss.

Fit-8.05pm il-laqgħa ġiet aġġornata għal nhar il-Ħamis 15 ta' Mejju 2014 fis-5.45pm sabiex tkompli fuq temi tal-Aġenda li ġiet ċirkulata u sejra terġa tiġi ċirkulata fejn fiha tkun tkomplija tal-laqgħa 25/7.

| | |
|---|---|
| Joseph M. Formosa | John-Mary Calleja |
| Segretarju Eżekuttiv | Sindku |

Approvati:-